**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 02 ta' Novembru, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 555/2018 AF**

**Silvia Cavalli**

**vs**

**Manoel Island Yacht Yard Limited (C-48138)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf ta' Silvia Cavalli, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Ir-rikorrenti akkwistat *Rigid Hull Inflatable Rib* (minn issa 'l quddiem imsejjaħ bħala r-*"Rib"*) bl-isem ta' "Seal I" mingħand is-soċjetà Glamour Chartering Limited (C 70195) ta' 102, Suite 3, St Catherine Street, Attard, f'Settembru tas-sena 2017 bid-drittijiet u pertinenzi kollha, inkluż dawk litiġjużi għaddew għand ir-rikorrenti.

Fiż-żmien li ġew eżegwiti x-xogħlijiet imsemmija hawn isfel, ir-rikorrenti kienet ukoll proprjetarja u direttriċi tas-soċjetà Glamour Chartering Limited (C-70195), u dan qed jingħad biex jiġi ċċarat li r-rikorrenti hija dedotta mill-fatti in kwistjoni.

Qabel ma nbiegħ fis-sena elfejn u sbatax (2017) l-imsemmi Rib kien jeħtieġlu xogħlijiet ta' riparazzjoni u trattament għal *osmosis*. It-tip ta' xogħlijiet huma speċifiċi tant li f'Malta ma hawnx għażla kbira ta' persuni li għandhom il-kapaċità li jeżegwixxu tali xogħlijiet. Is-soċjetà Glamour Chartering Limited (C-70195) iddeċidiet taħdem bis-soċjetà konvenuta u avviċinatha sabiex tesegwixxi x-xogħlijiet imsemmija fuq ir-Rib. Fi Frar tas-sena 2017 inħarġet kwotazzjoni għax-xogħlijiet indikati. Kopja tal-kwotazzjoni hawn annessa u mmarkata bħala "Dok GC1". Di fatti s-soċjetà konvenuta tqabbdet mis-soċjetà Glamour Chartering Limited (C-70195) sabiex twettaq dawk ix-xogħlijiet meħtieġa fuq il-Rib bil-ftehim li s-soċjetà konvenuta tipprovdi żewġ garanziji u ċioè garanzija lokali maħruġa minnha kif ukoll garanzija internazzjonali maħruġa mill-*International Paint*. Fid-9 ta' Frar 2017 bdew ix-xogħlijiet imsemmija u tlestew nhar it-13 ta' Ġunju 2017.

Meta tlestew ix-xogħlijiet imsemmija l-kaptan tar-*Rib*, ċioè l-Kaptan Richard Buhagiar mibgħut mid-direttur ta' dak iż-żmien tas-soċjetà Glamour Chartering Limited (C-70195), innota li partijiet tal-buq (hull) tar-Rib ma kienux konsistenti iżda s-soċjetà konvenuta saħħqet li x-xogħlijiet kienu saru kif suppost

u skont is-sengħa u l-arti. Di più, ippreċiżat kemm-il darba li ma kienitx ser tirrilaxxa r-Rib u l-garanzija qabel tiġi mħallsa l-fattura rappreżentanti x-xogħlijiet fuq ir-Rib, kopja tal-istess fattura hawn annessa u mmarkata bħala "Dok GC2".

Fit-13 ta' Ġunju 2017 is-soċjetà konvenuta kkonfermat li l-garanzija lokali kienet ser tinħareġ mis-soċjetà stess filwaqt li l-garanzija maħruġa mill-*International Paints* kienet ser tintbagħat.

Wara li nhar l-14 ta' Ġunju 2017 tħallset il-fattura permezz ta' *cheque*, u nħarġet id-debita riċevuta, kopja tagħhom hawn annessi u mmarkati bħala "Dok GC3", fl-ammont ta' dsatax-il elf, tmien mija, tnejn u tletin Euro u tmin ċenteżmi (€19,832.08) is-soċjetà konvenuta pproduċiet garanzija lokali bil-miktub għall-*osmosis* fuq ir-Rib imsemmi, liema garanzija kkonfermat li tapplika għal tliet snin mil-*launch date* tar-Rib, ċioè mill-14 ta' Ġunju 2017 u kienet tkopri *"anti-osmosis protection of the hull, excluding keel and rudder, of the above mentioned boat, for partial or total repair work necessary in the even of the formation of blisters attributable to osmosis.".*

Ftit tas-siegħat wara li ġiet prodotta l-garanzija surreferita, is-soċjetà konvenuta bagħtet korrispondenza elettronika oħra lir-rikorrenti *qua* Direttur tas-soċjetà Glamour Chartering Limited (C 70195), liema korrispondenza qiegħdha tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dok GC 4", tinfurmaha li kontrarjament għal dak iddikjarat fil-garanzija, tali garanzija ma kienitx qed tkopri l-buq kollu, iżda partijiet biss minnu. Sabiex tittenta teżumi ruħha mir-responsabbiltajiet tagħha l-istess soċjetà konvenuta allegat li l-kaptan tar-Rib, Kaptan Richard Buhagiar, kien infurmat b'dan tul l-andament tax-xogħlijiet u li hu kien ta l-*go ahead* lis-soċjetà konvenuta sabiex tkompli bix-xogħlijiet minkejja li kien jaf li l-buq ma kienx nixef sew.

Di più, fil-korrispondenza surreferita s-soċjetà konvenuta kienet indikat ukoll li n-natura tal-limitazzjoni tal-garanzija hekk kif riveduta kienet ġiet komunikata lill-*International Paints* u li din tal-aħħar kienet ser toħroġ garanzija apparti. Sal-lum il-garanzija li suppost kellha tintbagħat mill-*International Paints*

tiċċertifika x-xogħlijiet magħmula mill-konvenuta qatt ma ntbagħtet.

In vista tas-suespost, il-fatt li s-soċjetà esponenti qatt ma rċeviet il-garanzija da parti tal-*International Paints* ikkawżat danni nġenti lill-istess stante li mingħajr tali garanzija qed jitwaqqa l-valur tar-Rib b'mod konsiderevoli u dan kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża.

L-esponenti tirrileva wkoll li s-soċjetà konvenuta kienet in *mala fede* meta fl-ewwel istanza pprovdiet garanzija lokali bil-miktub fuq il-buq kollu u ftit tas-siegħat wara kkomunikat numru ta' limitazzjonijiet fuq tali garanzija permezz ta' email. In oltre l-garanzija internazzjonali qatt ma nħarġet.

Nhar il-11 ta' Lulju tas-sena 2017 is-soċjetà esponenti intavolat l-anness protest ġudizzjarju (218/2017), mmarkat bħala "Dok GC 5", notifikat lis-soċjetà konvenuta nhar is-17 ta' Lulju, 2017. Sal-lum l-esponenti ma rċeviet ebda risposta u/jew kontro-protest.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa tas-soċjetà intimata Manoel Island Yachts Yard Limited (C-48138) li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament ir-rikorrenti trid iġġib prova illi r-Rhib *de quo* hija reġistrata fuq isimha.

Preliminarjament ir-rikorrenti trid iġġib prova tal-akkwist tad-drittijiet litiġjużi msemmija fir-rikors promotur u li dan l-akkwist sar skont il-liġi.

Preliminarjament is-soċjetà intimata m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti.

Fil-mertu x-xogħol li sar fuq ir-Rhib *de quo* mis-soċjetà intimate sar skont is-sengħa u l-arti.

Il-Kaptan Richard Buhagiar, li kien il-persuna li ffirmat il-kuntratt bejn is-soċjetà Glamour Chartering Limited u s-soċjetà intimata

għal dawn ix-xogħlijiet kien qed isegwi b'mod kontinwu l-andament tax-xogħlijiet li kienu qed isiru mis-soċjetà intimata inkluż il-proċess ta' tnixxif tal-buq wara li sar il-*blasting* (u qabel ma kellu jiġi applikat l-*Epoxy Primers, Epoxy Filler u Antifowling*) u kien ben konsapevoli illi kien hemm partijiet tal-buq illi baqgħu mxarrba.

Minkejja dan, u wara pressjoni li sar mill-istess Kaptan sabiex id-dgħajsa tkun lesta għas-sajf tas-sena 2017, fl-għaxra (10) ta' Mejju 2017 ttieħdet deċiżjoni bi qbil bejn il-Kaptan Buhagiar, il-Project Manager tas-soċjetà intimata *ossia* s-Sur Geoffrey Azzopardi u s-Sur Etienne Hopkins (*International Yacht Paints)*, sabiex jinbeda l-proċess ta' *re-coating* tal-buq minkejja li xi partijiet tagħha kienu għadhom mxarba bi qbil illi tali partijiet kienu se jiġu esklużi mill-garanzija.

Huwa minnhu illi wara li tħallas il-kont relattiv is-soċjetà rikorrenti bi żvista ħarġet il-garanzija relattiva fuq il-buq liema garanzija ġiet immedjatament (fl-istess ġurnata) irretifikata fejn ġie eskluż minn tali garanzija dawk il-partijiet tal-buq li baqgħu mxarrba u għalhekk ma kien hemm l-ebda *malafede* hekk kif qed jiġi allegat, anzi dan sar bil-konsapevolezza assoluta tal-Kaptan Buhagiar hekk kif fuq spjegat.

Għalhekk l-intimata esegwit l-appalt skont kif pattwit u ma kien hemm l-ebda ksur da parti tal-intimata.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-rikorrenti ma sofriet l-ebda danni u fi kwalunkwe każ semmai dawn għandhom jiġu ppruvati skont il-liġi.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-garanzija tal-*International Yacht Paints* sejra tingħata.

Salv kwalunkwe eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u hekk kif permissibli fil-liġi.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż id-dokumenti u l-atti allegati.

Rat in-noti ta' sottomissjoniet finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat illi din hija azzjoni dwar l-għoti ta' garanzija in segwitu għall-eżekuzzjoni ta' xogħolijiet li saru fuq *Rigid Hull Inflatable Boat*. L-attriċi tgħid illi s-soċjetà konvenuta li ġiet ikkommissjonata li tagħmel ix-xogħolijiet, m'esegwietx ix-xogħolijiet skont is-sengħa u l-arti. In oltre, tgħid ukoll illi meta ġiet biex tinħareġ il-garanzija, is-soċjetà konvenuta għall-ewwel ħarġet garanzija li tkopri x-xogħolijiet kollha li kienu saru u ftit tas-sigħat wara rtirat dik il-garanzija u ssostitwietha b'oħra li kienet teskludi partijiet mir-RHIB li fuqu saru x-xogħolijiet. Tgħid għalhekk illi dan ikkawża danni lill-attriċi li kienet kostretta tipproċedi legalment fil-konfront tas-soċjetà konvenuta. Fit-talbiet tagħha l-attriċi titlob li tingħata ż-żewġ garanziji li ġiet imwiegħda u cioè dik li tagħti s-soċjetà konvenuta fuq ix-xogħolijiet u dik li tagħti s-soċjetà International Paints fuq il-materjal. Titlob ukoll illi jekk kemm il-darba ma jkunx possibbli li jingħataw dawn il-garanziji, allura għandha tirċievi riżarċiment għad-danni minnha sofferti.

Is-soċjetà konvenuta laqgħet billi fl-ewwel lok sfidat lill-attriċi ġġib il-prova li r-RHIB jinsab reġistrat f'isimha. Talbet ukoll li ssir il-prova tal-akkwist tad-drittijiet litiġjużi da parti tal-attriċi u f'dan ir-rigward kompliet teċċepixxi li hi m'għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-attriċi u li per konsegwenza għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. B'żieda mal-eċċezzjonijiet preliminari, s-soċjetà konvenuta ressqet għadd ta' eċċezzjonijiet fil-mertu fejn sostanzjalment tirribatti u tiċħad l-allegazzjonijiet attriċi li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Tgħid ukoll illi hija dejjem iddiskutiet ix-xogħolijiet mal-Kaptan Richard Buhagiar u li kien fil-punt meta huwa nsista li r-RHIB jitlesta sas-sajf tas-sena 2017 li flimkien ma' International Paints u bl-għarfien tal-Kaptan, ittieħdet id-deċiżjoni li x-xogħol jitkompla anki jekk kien għad qiegħed jirriżulta li xi partijiet kienu għadhom umdużi u li konsegwentement dawn il-partijiet kellhom jiġu esklużi mill-garanzija.

Fl-ewwel lok iridu jiġu trattati u deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari partikolarment għaliex jekk tirriżulta fondata t-tielet eċċezzjoni preliminari, il-konsegwenza tkun dik li ma jkunx hemm htiega li din il-Qorti tindaga oltre.

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni preliminari s-soċjetà konvenuta talbet il-prova li r-RHIB jinsab reġistrat f'isem l-attriċi. Mill-provi in atti jirriżulta illi fis-17 ta' Novembru 2015 is-soċjetà Glamour Chartering Limited (C-70195) li tagħha kienu diretturi l-attriċi u ħuha Massimo Felice Cavalli, akkwistat ir-RHIB mertu ta' din il-vertenza. Sussegwentment, bi ftehim privat datat 30 ta' Settembru 2018[1] l-attriċi Silvia Cavalli akkwistat l-imsemmi RHIB mingħand is-soċjetà Glamour Chartering Limited. Bħala fatt, fil-mument meta ngħatat l-ewwel eċċezzjoni preliminari, kellha raġun is-soċjetà konvenuta titlob tali prova għaliex effettivament dakinhar l-attriċi kienet għada m'akkwistatx hi f'isimha r-RHIB *de quo*. Jingħad dan propju għaliex waqt illi l-attriċi xtrat ir-RHIB bi ftehim tat-30 ta' Settembru 2018, il-kawża odjerna ġiet intavolata permezz ta' rikors ġuramentat tal-31 ta' Mejju 2018. Dan ifisser li l-attriċi istitwiet dawn il-proċeduri legali qabel ma kellha ebda jedd fuq ir-RHIB.

Il-Qorti tqis illi t-tieni u t-tielet eċċezzjoni jkompli jibnu fuq l-ewwel eċċezzjoni. Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari, is-soċjetà konvenuta talbet prova fir-rigward tal-akkwist tad-drittijiet litiġjużi da parti tal-attriċi, liema drittijiet jagħtuha l-jedd li tistitwixxi proċeduri li fil-mertu tagħhom għandhom ir-RHIB minnha akkwistat.

Fl-affidavit tagħha l-attriċi għamlet referenza għall-klawsola numru tliet (3) tal-ftehim privat tat-30 ta' Settembru 2018 fejn jingħad espressament illi "*The Transferor is hereby agreeing that it is forfeiting all and any rights over the RHIB in favour of the Transferee including but not limited to any litigious right/s in relation to the mentioned RHIB*."

Mill-provi li ġew imressqa jidher li fil-mument li ġiet istitwita din il-kawża ossia fil-31 ta' Mejju 2018 ma kienx hemm kawżi pendenti bejn Glamour Chartering Limited u s-soċjetà konvenuta

[1] Dok. SC1 – A a fol. 34

fir-rigward tar-RHIB. Jirriżulta biss illi preċedentement għall-intavolar tal-proċeduri odjerni, ossia fil-11 ta' Lulju 2017, ġie ntavolat protest ġudizzjarju bin-numru 218/17 fl-ismijiet Glamour Chartering Limited vs Manoel Island Yachts Yard Limited li bih Glamour Chartering Limited interpellat lill-konvenuta tersaq għal likwidazzjoni tad-danni u sabiex tipprovdi l-garanzija kompluta u wissietha li fil-każ ta' inadempiment kienu ser jittieħdu passi ulterjuri.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-konvenuta għamlet referenza għal dak illi jipprovdi l-Artikolu 1483(2) tal-Kap 16 liema disposizzjoni taqra hekk:

> "*(2) Il-jedd jitqies litiġjuż, meta jkun hemm kawża kkontestata fuq jekk hemmx dak il-jedd, jew meta l-kreditu ma jkunx likwidu u jkun diffiċli li jiġi likwidat*."

Il-kliem ta' din id-disposizzjoni huwa car. Dak li għandu jinftiehem bi dritt litiġjuż huwa d-dritt ta' parti f'kawża li tkun diġà ġiet intavolata fil-mument meta jsir it-trasferiment tal-oġġett mertu ta' dik il-vertenza. Fil-każ ta' llum, minkejja l-fatt li Glamour Chartering Limited intavolat protest ġudizzjarju fil-konfront tal-konvenuta, dan ma ġiex segwit b'kawża. Da parti ta' Glamour Chartering Limited jidher donnu illi l-kwistjoni waqfet hemm għaliex ma ħadet ebda passi ulterjuri fil-konfront tal-konvenuta. Jidher għalhekk illi fil-mument li sar it-trasferiment tar-RHIB mingħand Glamour Chartering Limited għal għand l-attriċi, Glamour Chartering Limited ma kellha ebda drittijiet litiġjużi xi ċċedi favur l-attriċi. Is-sitwazzjoni kienet tinkawdra fit-termini tal-Artikolu 1483(2) tal-Kap 16 li kieku fil-mument li l-attriċi akkwistat ir-RHIB mingħand Glamour Chartering Limited din ta' l-aħħar kienet diġa istitwiet hi proċeduri legali fil-konfront tal-konvenuta għaliex b'hekk it-trasferiment tad-drittijiet litiġjużi kien jagħti lill-attriċi l-fakoltà li tidħol hi fiż-żarbun ta' Glamour Chartering Limited u b'hekk tkompli l-proċeduri hi. Biss dan mhuwiex il-każ ta' llum. Tqis għalhekk illi fid-dawl tal-eċċezzjoni kif sollevata mill-konvenuta, il-provi juru li fil-mument li sar it-trasferiment tar-RHIB favur l-attriċi, ma kienx hemmx drittijiet litiġjużi x'jiġu trasferiti.

Magħduda dawn il-kunsiderazzjonijiet ilkoll flimkien, il-Qorti ssib illi għandha raġun il-konvenuta tgħid illi m'għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-attriċi. Mill-provi rriżulta suffiċentement ippruvat illi x-xogħolijiet fuq ir-RHIB inbdew fid-9 ta' Frar 2017 u tlestew fit-13 ta' Frar 2017. Matul dan il-perjodu ir-Rib kien proprjeta' ta' Glamour Chartering Limited u kienet din ta' l-aħħar li kkuntrattat lill-konvenuta sabiex tesegwixxi x-xogħolijiet fuq ir-RHIB. Kif diġà ingħad, kien biss b'effett mit-30 ta' Settembru 2018 li l-attriċi akkwistat drittijiet fuq ir-RHIB li jfisser li la fil-mument tal-kontrattazzjoni tal-appalt u wisq inqas fil-mument li fih inbdew il-proċeduri legali fil-konfront tal-konvenuta ma kienet teżisti relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet f'din il-kawża.

Ferm il-premess, il-Qorti sejra tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari. Għalkemm il-Qorti tista' tieqaf hawn, mingħajr il-ħtieġa li tinoltra fil-mertu, għall-fini ta' kompletezza, il-Qorti tqis illi in ogni każ il-mertu tal-azzjoni ġie eżawrit fil-mori tal-kawża bl-iskadenza tal-garanziji mertu tal-vertenza. Mill-provi jirriżulta li l-garanzija, sia dik fuq ix-xogħol li kellha tingħata mill-konvenuta u sia dik fuq il-materjal liema garanzija kellha tingħata minn International Paints *qua* fornitur tal-materjal li ntuża, kienu għal perijodu ta' tlett snin. Jirriżulta li l-imsemmija garanziji huma datati 13 ta' Ġunju 2017 ossia d-data ta' meta x-xogħolijiet tlestew u r-RHIB ġie varat. Dan ifisser li t-terminu ta' garanzija skada b'mod naturali fit-13 ta' Ġunju 2020 u cioè fil-mori tal-vertenza. Għalhekk, anki li kieku l-Qorti kellha ssib li l-attriċi għandha raġun fil-mertu u għalhekk tgħaddi sabiex tordna l-ħruġ tal-garanzija sħiħa u cioè mingħajr ebda esklużjoni ta' parti jew oħra mir-RHIB, din il-garanzija xorta kienet ser tkun dekorribbli mit-13 ta' Ġunju 2017 bil-konsegwenza tkun dik li in ogni każ il-perijodu kopert bil-garanzija ormai skada.

Għaldasqtant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta;

3. Tiċħad it-talbiet kollha kif dedotti.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu nterament mill-attriċi.

IMHALLEF

DEP/REG